MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 943/2004

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Neville Scicluna**

**Vs**

**Sammy Attard**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija w erbgha u disghin lira Maltin u tmien centezmi (Lm194.08c) rapprezentanti danni li soffriet is-socjeta' attrici meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru JBD 913 fis-7 ta' Mejju, 2003 gewwa l-Marsa habat mal-vettura numru KBB 218 proprjeta' ta' Neville Scicluna u kkaguna danni f'din l-istess vettura.
Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-21 t’April, 2005, meta gewipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------